MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 1051/1995/2

**Alfred Fenech u Michael Fenech ghan-nom u in rapprezentanza ta' A.M.J. Investments Limited**

**v.**

**Michael Angelo Fenech u Anthony R. Valvo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Shipping and Marine Agency Limited u Michael Angelo Fenech u Anthony R. Valvo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Car Care Products Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi nomine, wara illi ppremettew illi l-kumpanija attrici u l-kumpanija konvenuta Shipping and Marine Agency Limited huma socji fil-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited li hija registrata bin-numru C 9898 mar-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u kull wiehed mill-kumpanija attrici u l-kumpanija konvenuta Shipping and Marine Agency Limited ghandhom hamsin fil-mija (50%) tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet li ghandhom id-dritt ghall-vot fl-istess kumpanija konvenuta Car Care Products Limited; illi Alfred Fenech illi huwa r-rapprezentant u ghandu l-kontroll effettiv tal-kumpanija attrici u Michael Angelo Fenech li huwa r-rapprezentant u ghandu l-kontroll effetteiv tal-kumpanija konvenuta Shipping and Marine Agency Limited huma ahwa u waqqfu l-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited biex din tintuza ghall-parti min-negozju tal-familja; illi l-imsemmi Michael Angelo Fenech li ghandu t-tmexxija u l-gestjoni effettiva tan-negozju tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited qed jabbuza minn din il-pozizzjoni, anke permezz ta' qerq, a skapitu tal-kumpanija attrici u qed jamministra l-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited b'mod irregolari, abbuziv u illegali; illi r-relazzjonijiet bejn l-imsemmija ahwa Alfred Fenech u Michael Angelo Fenech iddeterjoraw irremedjabilment b'mod li m'ghadux aktar possibbli li l-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited tibqa' tintuza ghall-iskop li ghaliha giet imwaqqfa u cioè ghan-negozju tal-familja ta' l-imsemmija ahwa; illi konsegwentement hemm ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited; illi nonostante li l-kumpanija konvenuta Shipping and Marine Agency Limited giet mitluba biex tersaq ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited baqa' ma sar xejn; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara illi

hemm ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw ix-xoljiment tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited; 2. tiddikjara x-xoljiment tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija; 3. tordna lir-Registratur tal-Qorti Superjuri li jikkonsenja lir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali ghal registrazzjoni u pubblikazzjoni, l-avviz tax-xoljiment relattiv u dan ghat-terminu tal-artikolu 151 tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap. 168); 4. tinnomina stralcjarju biex isir l-istralc tal-kumpanija konvenuta Car Care Products Limited u, jekk hemm bzonn, tiffissa l-kumpens li ghandu jithallas lill-istess stralcjarju; bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi nomine u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine illi permezz taghha eccepew:

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax l-atturi nomine fl-ewwel lok naqsu li jsejhu laqgha tal-Bord tad-Diretturi u/jew Laqgha Generali tas-socjetà Car Care Products Limited, fejn jipproponu ix-xoljiment u stralc tal-istess socjetà. In-nuqqas ta’ dan il-pass jirrendi din il-kawza intempestiva;
2. Illi mhux korrett dak li hemm allegat fil-premessi tac-citazzjoni, li Alfred Fenech ghandu l-kontroll effettiv tal-kumpanija attrici u li l-konvenut Michael Angelo Fenech ghandu l-kontroll effettiv tas-socjetà Shipping & Marine Agency Limited, billi hemm diretturi ohra taz-zewg socjetajiet responsabbli ghall-amminstrazzjoni taghhom ukoll;
3. Illi s-socjetà Car Care Products Limited illum hija *dormant* u mhux minnu li l-konvenut Michael Angelo Fenech ghandu t-tmexxija u il-gestjoni effettiva taghha u li qed jabbuza minn din il-pozizzjoni tieghu, jew li qed jamministraha b’mod irregolari, abuziv u illegali;
4. Illi ghalkemm hu veru li r-relazzjonijiet bejn l-ahwa Fenech dawn l-ahhar xhur iddeterjoraw, din mhix raguni bizzejjed quddiem il-ligi biex tigi xolta socjetà kummercjali;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti nomine, guramentata mill-konvenut Michael Angelo Fenech, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat id-digriet moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju, 2001 illi permezz tieghu l-Qorti ddecidiet hekk:
"… filwaqt li tilqa' r-risposta tas-socjetà attrici tat-27 ta' April 2001 tichad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors taghhom tal-5 ta' Marzu 2001.
"Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Michael Angelo Fenech fil-kwalità tieghu premessa"

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi c-citazzjoni odjerna tirrigwarda azzjoni sabiex tigi xolta s-socjetà Car Care products Limited, li taghha l-partijiet l-ohra huma l-azzjonisti tal-istess, u dan peress li qed jigi allegat li Michael Angelo Fenech li ghandu l-kontroll tas-socjetà konvenuta l-ohra bhala azzjonista tal-istess, u wkoll il-kontroll effettiv tas-socjetà indikata qed jamministra l-istess socjetà illegalment u abbusivament u ghalhekk is-socjetà attrici qed titlob ix-xoljiment tal-istess socjetà Car Care products Limited.

"Illi fl-eccezzjonijiet taghhom il-konvenuti qed jopponu ghall-istess.

"Illi f'din il-kawza inghataw diversi differimenti stante li l-partijiet qed isostnu li din il-kawza qed tistenna l-ezitu ta' zewg kawzi pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Geoffrey Valenzia, kif identifikati fil-verbali inkluz dak tat-3 ta' Dicembru 1999.

"Illi f'daqqa wahda, nonostante dawn il-verbali, li dwarhom qablu l-partijiet odjerni, gie presentat ir-rikors tal-konvenut Michael A. Fenech proprju u ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti abbazi ta' l-**Artikolu 405 tal-Att XXV tal-1995 Dwar il-Kumpanniji**.

"Illi jinghad fl-ewwel lok li l-konvenut Michael Angelo Fenech fil-kwalità tieghu personali ma huwiex parti u

azzjonista la tas-socjetà Car Care Products Limited u lanqas parti f'din il-kawza u ghalhekk abbazi tal-premess, ir-rikors tieghu indikat ma jistax jigi akkolt, peress li fil-kwalità tieghu personali lanqas biss ghandu *locus standi* f'din il-procedura odjerna.

"Illi fit-tieni lok jirrizulta li ghad ma instemghu ebda provi kwalunkwe f'din il-kawza, tant li mit-28 ta' Frar 1997, kull ma sar kienu biss verbali fis-sens li din il-kawza qed tistenna l-ezitu ta' zewg kawzi ohra pendenti bejn il-partijiet u ghalhekk certament li din il-Qorti ghad ma ghandhiex konoxxenza f'din il-kawza ta' ebda prova dwar l-allegazzjonijiet imressqa mill-istess rikorrenti odjerni, u ghalhekk certament li taht dan l-aspett it-talba tar-rikorrenti odjerni hija intempestiva.

"Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-fatt li l-azzjoni attrici ma saritx taht l-istess **Att XXV tal-1995**, izda taht id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali, u allura l-**Artikolu 405 ta' l-istess Att XXV tal-1995** ma japplikax ghall-kaz *de quo*.

"Illi fl-ahharnett jinghad li fi kwalunkwe kaz tali ordni abbazi ta' l-**Artikolu 405** ghandha issir mill-Qorti *ex officio* fil-kors tal-proceduri u tas-smiegh tal-kawza u ibbazata fuq il-provi migjuba quddiemha, liema provi ghadhom lanqas biss bdew jitressqu, u ghalhekk certament li din il-Qorti, anke kieku l-istess artikolu japplika ghall-kaz odjern, certament li ma thossx li ghandha taghmel tali ordni qabel ma tisma' l-provi dwar l-istess.

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti thoss li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Michael A. Fenech kemm personalment kif ukoll bhala direttur tas-socjetà Shipping and Marine Agency Limited azzjonista tal-kumpanija Car Care Products Limited u bhala direttur ta' l-istess Car Care Products Limited illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi jigi mhassar u revokat id-digriet tat-23 ta' Mejju, 2001 u illi jigu milqugha t-talbiet tieghu kif

dedotti fir-rikors promotorju taghhom (*sic*) tal-5 ta’ Marzu, 2001;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tas-socjetà attrici illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi d-digriet appellat jimmerita konferma;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel (1) aggravju ta’ l-appellant kontra d-digriet appellat huwa illi l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-artikolu 405 ta’ l-Att XXV ta’ l-1995 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami hija zbaljata;

Fid-digriet appellat, dwar din il-materja, jinghad biss hekk:
“Illi … l-azzjoni attrici ma saritx taht l-… Att XXV tal-1995, izda taht id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Socjetajiet Kummercjali [Kap. 168], u allura l-artikolu 405 tal-istess Att XXV tal-1995 ma japplikax ghall-kaz *de quo*.”

In sostenn ta’ l-aggravju tieghu in ezami l-appellant invoka l-artikolu 429 ta’ l-Att XXV ta’ l-1995. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima XIII ta’ l-istess Att intitolata DISPOZIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI. Fil-fehma ta’ dina l-Qorti s-subartikolu tnejn (2) ta’ l-imsemmi artikolu 429 jaghti ragun lill-appellant; dan jiddisponi hekk:
“Kull xoljiment ta’ socjetà kummercjali li jsehh wara gheluq zmien sitt xhur mill-jum stabbilit, ghandu jkun skond id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att u l-istralc li jirrizulta wara ta’ dik is-socjetà kummercjali ghandu jkun regolat skond hekk.”

Mhux kontestat bejn il-kontendenti illi s-socjetà kummercjali in kwistjoni, Car Care Products Limited, ghadha ma gietx xolta. Ghalhekk, bis-sahha ta’ dak illi jipprovdi c-citat Artikolu 429(2) ta’ l-Att XXV ta’ l-1995, l-Artikolu 405 ta’ l-istess att - illi huwa wiehed illi jirrigwarda

l-process ta' xoljiment ta' socjetà kummercjali - huwa applikabbli ghall-kaz in ezami. F'dan ir-rigward, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija ma taqbilx mas-sottomissjoni maghmula mis-socjetà appellata fir-risposta ta' appell taghha f'dawn it-termini:
"Il-kliem uzat fl-artikolu 405 tal-istess Att [XXV ta' l-1995] huwa car fis-sens li japplika biss f'kaz ta' '*proceedings … under this Act*'. Id-disposizzjonijiet transitorji kontenuti fl-artikolu 429(1) u (2) citati mir-rikorrenti jghidu biss li d-*dissolution* u l-*winding up* tal-kumpanniji relevanti ghandhom jigu regolati mid-dispozizzjonijiet tal-Att tal-1995 u cioè huma intizi biss biex ir-regoli dwar id-*dissolution and winding up* japplikaw ghal dawn il-kumpaniji imma m'ghandhomx l-effett li jaghmlu d-disposizzjonijiet l-ohra applikabli. Il-kawza xorta wahda ma saritx *proceedings* taht l-att tal-1995."

Kif digà intqal, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-Artikolu 405 ta' l-Att XXV ta' l-1995 huwa wiehed minn dawk illi fih disposizzjonijiet illi jirrigwardaw il-process ta' xoljiment ta' socjetà kummercjali u, konsegwentement, huwa applikabbli ghall-kaz in ezami bis-sahha ta' dak illi jipprovdi l-Artikolu 429(2) ta' l-istess Att;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba huwa fondat l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant, huwa mehtieg illi jigu konsidrati z-zewg (2) aggravji l-ohra tieghu;

Illi t-tieni (2) aggravju ta' l-appellant huwa illi hija zbaljata ukoll l-asserzjoni ta' l-ewwel Qorti illi, fi kliem id-digriet appellat, "… tali ordni abbazi tal-Artikolu 405 [ta' l-Att XXV ta' l-1995] ghandha ssir mill-Qorti *ex officio* fil-kors tal-proceduri u tas-smiegh tal-kawza …";

Dwar dan l-aggravju l-appellant jissottometti hekk fir-rikors ta' appell tieghu:
"Huwa veru li l-Qorti tista tordna investigazzjoni *ex ufficio*. Però imkien ma huwa eskluz li l-Qorti tista tezercita l-poter lilha moghti bl-artikolu premess fuq talba ta' persuna

interessata. Il-ligi tippermetti li l-kwistjoni titqajjem jew tingieb a konjizzjoni tal-Qorti waqt l-imsemmija proceduri.”

Dina l-Qorti taqbel ma’ din is-sottomissjoni u l-fehma taghha, f’dan ir-rigward, hija imsahha, *sia pure* b’mod indirett, minn dik illi jipprovdi s-subartikolu erbgha (4) tac-citat Artikolu 405 illi jippisponi hekk:
“Is-setghat moghtija bis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu jkunu ezercitabbli dwar kumpannija minkejja li tkun fil-kors ta’ stralc volontarju.”

Infatti, huwa evidenti illi stralc volontarju isir minghajr intervent tal-Qorti (Artikolu 214 ta’ l-Att XXV ta’ l-1995) u, konsegwentement, f’kaz ta’ stralc volontarju, huwa inkoncepibbli illi l-Qorti tkun tista’ *ex officio* tezercita s-setghat moghtija lilha bis-subartikolu (2) ta’ l-imsemmi Artikolu 405 sabiex taghmel ordni “li l-affarijiet ta’ kumpanija ghandhom ikunu investigati”; dan tkun tista’ taghmlu biss jekk tigi adita minn parti interessata. Isegwi illi, allura, ma hemm xejn x’josta illi parti f’kawza già istitwita dwar xoljiment ta’ socjetà kummercjali - bhala ma huwa l-kaz in ezami - taghmel talba lill-Qorti sabiex din tohrog ordni *ai termini* ta’ l-imsemmi Artikolu 405(1) u (2);

Ghalhekk, l-aggravju in ezami ta’ l-appellant huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi t-tielet (3) u l-ahhar aggravju ta’ l-appellant huwa illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex “l-affarijiet ta’ kumpanija [Car Care Products Limited] ghandhom jigu investigati” (artikolu 405(1)) u, ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha tordna l-hrug ta’ l-ordni kontemplat mill-imsemmi Artikolu 405;

Dina l-Qorti, wara illi ezaminat l-atti processwali, ma tistax tilqa’ dan l-aggravju ghaliex ma ssib ebda raguni sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti illi wasslitha sabiex tikkonkludi illi, fl-istat illi fih kienu waslu l-proceduri quddiemha, ma kienx indikat illi taghmel l-ordni kontemplat mill-imsemmi Artikolu 405. Ghalhekk, l-appell interpost mill-appellant ma jistax jigi milqugh;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma d-digriet appellat;

Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din l-istanza jigu sopportati mill-appellant;

Tordna ukoll illi l-atti jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------